

## IL-QORTI ĠENERALI

**Sentenza tal-Qorti Ĝeneralni tal-25 ta' April 2013 — Bell & Ross vs UASI — KIN (Kaxxa ta' arloġġ tal-idejn)**

(Kawża T-80/10) <sup>(1)</sup>

*(“Disinn Komunitarju — Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta’ invalidità — Disinn Komunitarju rreġistrat li jirrappreżenta kaxxa ta’ arloġġ tal-idejn — Disinn preċedenti — Raġuni ta’ invalidità — Nuqqas ta’ karattru individwali — Nuqqas ta’ impressjoni globali differenti — Utent avżat — Grad ta’ libertà tad-disinjatur — Artikoli 4, 6 u Artikolu 25(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 6/2002 — Konnessjoni ma’ kontrolla għal dikjarazzjoni ta’ invalidità — Qorti tad-disinġi Komunitarji — Artikolu 91 tar-Regolament Nru 6/2002”)*

(2013/C 171/49)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

### Partijiet

Rikorrenti: Bell & Ross BV (Zoetermeer, il-Pajjiżi l-Baxxi) (rappreżentant: S. Guerlain, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: A. Folliard-Monguiral, aġġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ĝeneralni: KIN AB (Upplands Väsby, l-Isvezja) (rappreżentanti: M. Nielsen u C. Galichet, avukati)

### Sugġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tielet Bord tal-Appell tal-UASI tad-9 ta' Diċembru 2009 (Każ 1285/200-3), dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta’ invalidità bejn Klockgros-sistern i Norden AB u Bell & Ross BV.

### Dispożittiv

(1) Ir-rikors huwa miċħud.

(2) Bell & Ross BV hija kkundannata għall-ispejjeż, inkluż dawk li KIN AB sostniet matul il-proċeduri quddiem il-Bord tal-Appell.

<sup>(1)</sup> ĠU C 113, 1.5.2010.

**Sentenza tal-Qorti Ĝeneralni tas-6 ta' Mejju 2013 — Kieffer Omnitec vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-288/11) <sup>(1)</sup>

*(“Kuntratti pubbliċi għal servizzi — Proċedura ta’ sejħa għal offerti — Manutenzjoni ta’ installazzjonijiet TVKA, sistema ta’ tbexxix u installazzjonijiet tal-ilma u tal-ħarsien tas-saħħa tal-bini Joseph-Bech fil-Lussemburgu — Ċaħda tal-offerta ta’ offerent — Ugwaljanza fit-trattament — Trasprenza — Proporzjonalità — Żball manifest ta’ evalwazzjoni — Obbligu ta’ motivazzjoni”)*

(2013/C 171/50)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

### Partijiet

Rikorrenti: A+P Kieffer Omnitec Sàrl (Lussemburgu, il-Lussemburgu) (rappreżentanti: A. Delvaux, V. Bertrand u M. Devos, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: A.-M. Rouchaud-Joët u S. Delaude, aġġenti, assistenti minn V. Vanden Acker, avukat)

### Suġġett

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni, tal-1 ta' April 2011, li tiċħad l-offerta magħmula mir-rikorrenti fil-kuntest tal-proċedura ta’ sejħa għal offerti li tikkonċerna l-għoti ta’ kuntratt ta’ manutenzjoni ta’ TVKA, sistema ta’ tbexxix u installazzjonijiet tal-ilma u tal-ħarsien tas-saħħa tal-bini Joseph Bech fil-Lussemburgu (ĠU 2010/S 241-367523), u li tagħti l-kuntratt lil oofferent ieħor.

### Dispożittiv

(1) Ir-rikors huwa miċħud.

(2) A+P Kieffer Omnitec Sàrl hija kkundannata għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 252, 27.8.2011.

**Sentenza tal-Qorti Ĝeneralni tat-30 ta' April 2013 — Alumina vs Il-Kunsill**

(Kawża T-304/11) <sup>(1)</sup>

*(“Dumping — Importazzjonijiet ta’ trab żeolit A li joriġinaw mill — Bosnja-Herzegovina — Valur normali — Natura rappreżentattiva tal-bejgħ domestiku — Marġni ta’ profit — Tranżazzjonijiet kummerċjali normali”)*

(2013/C 171/51)

Lingwa tal-ekawża: il-Franċiż

### Partijiet

Rikorrenti: Alumina d.o.o. (Zvornik, il-Bosnja-Herzegovina) (rappreżentanti: J.-F. Bellis u B. Servais, avukati)